# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 13 ta' Mejju, 2021.**

**Kawża Nru. 8 (Kost.)**

**Rik. Nru. 81/16JRM**

Rosette **FENECH** u Edgar Galea u b'degriet tas-16 ta' Mejju, 2017 Antoine Galea u Mark Anthony Galea intervjenew *in statu et terminis* a tenur tal-Art. 960 tal-Kap. 12

vs

**AWTORITA' TAD-DJAR** u Segretarju Partit Laburista

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Settembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (i) ssib li l-aġir tal-intimata Awtorita` tad-Djar (minn issa 'l quddiem imsejħa "l-Awtorita`") meta allokat il-fond numru ħamsa (5) f'Misraħ Paola, f'Raħal Ġdid, għal użu ta' każin politiku u naqset li tilqa' it-talba tagħhom li toħroġ ordni ta' de-rekwiżizzjoni,

wassal għal ksur tal-jedd tagħhom taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (ii) issib li l-ordni ta' rekwiżizzjoni (minn issa 'l hemm imsejħa "l-Ordni") ma tiswiex u hija bla effett; (iii) tordna lill-Awtorita` intimata tpoġġihom fl-istat li kienu qabel il-ħruġ tal-istess Ordni; (iv) tordna lill-intimat Segretarju Partit Laburista (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "is-Segretarju") jirrilaxxa l-pussess u d-detenzjoni tal-fond favur ir-rikorrenti; (v) tordna li jingħataw kumpens xieraq għall-ksur tal-jeddijiet tagħhom kif imġarrba, magħduda danni materjali għaċ-ċaħda tal-pussess u danni mhux pekunjarji għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom; u (vi) tagħti dawk il-provvedimenti meħtieġa tenut kont it-tul taż-żmien li ilhom imċaħħda mit-tgawdija tal-ġid tagħhom;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Settembru, 2016[1], li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ għas-6 ta' Ottubru, 2016, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita` intimata fit-22 ta' Settembru, 2016, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi (i) talbet li ssir korrezzjoni fl-"okkju" biex jidher li l-kawża saret kontriha. Ittenni li, qabel kull ħaġa oħra, (ii) ir-rikorrenti jridu jġibu prova tat-titolu li għandhom fuq il-fond mertu tal-kawża, u li ma hemm ebda sidien oħra. Qalet li, (iii) sakemm hemm persuni oħra li għandhom sehem u li ma humiex parti fil-kawża, il-ġudizzju mhux sħiħ. Xliet lir-rikorrenti li (iv), qabel ma fetħu din il-kawża, naqsu li jeżawrixxu r-rimedju ordinarju provduti mil-liġi, u stiednet lill-Qorti biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' u tqis il-kawża. Ċaħdet (v) li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, tant li ħallew jgħaddi ħafna żmien minn meta nħarġet l-Ordni oriġinali qabel fetħu din il-kawża. Tenniet li (vi) din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li ssib nullita` fl-aġir tal-intimati kemm għaliex it-talba għad-danni messha saret f'kawża għad-danni, f'liema każ l-azzjoni għal danni hija llum waqgħet bil-preskrizzjoni, kif ukoll għaliex ir-rikorrenti messhom mexxew b'kawża fejn jattakkaw l-għanijiet wara l-ħruġ tal-Ordni, liema azzjoni hija llum wkoll preskritta. Qalet li (vii) ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni billi l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa dwar x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali, u l-liġi ta' rekwiżizzjoni taqdi raġunijiet leġittimi fl-interess ġenerali, inkluż użu ta' fond bħala każin. Ittenni li mhux minnu li hemm nuqqas ta' proporzjonalita` fil-kumpens mogħti lir-rikorrenti b'effett tal-Ordni billi l-kumpens hu ġustifikat meta mqabbel mal-iskop li għalih il-fond ittieħed. Temmet tgħid li l-fatt li r-rikorrenti ħallew jgħaddi ħafna żmien qabel ma kkontestaw il-kumpens li qed jirċievu, jissarraf f'aċċettazzjoni min-naħa tagħhom għall-qagħda li kienu jinsabu fiha;

[1] Paġ. 39 tal-proċess

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Segretarju tal-Partit Laburista tat-30 ta' Settembru, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li (i) r-rappreżentanza ġuridika tal-Partit Laburista mhix vestita fih u għaldaqstant għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju; u (ii) mhux il-kontradittur leġittimu billi ma jistax iwieġeb għal xiljiet ta' ksur kostituzzjonali kif imressqa mir-rikorrenti; li (iii) r-rikorrenti jridu jippruvaw it-titolu li huma għandhom fuq il-fond; u (iv) li ma kienx meħtieġ li r-rikorrenti jressqu din il-kawża b'rikors maħluf skond l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-mertu, laqa' billi qal li (iv) l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għall-każ tar-rikorrenti minħabba dak imtenni fil-*proviso* tal-istess artikolu, u (v) l-kundizzjonijiet tal-kirja u l-kumpens offrut ġew indirizzati mil-leġislatur;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-6 ta' Ottubru, 2016[2], li bih laqgħet l-ewwel eċċezzjoni mressqa mid-Direttur intimat u awtorizzat il-korrezzjoni fl-"okkju", billi sa dakinhar l-Awtorita` intimata kienet ħadet is-setgħat, obbligi u funzjonijiet li l-liġi kienet qabel tagħti lid-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta' Novembru, 2016[3], li bih ir-rikorrenti b'referenza għas-sitt, seba' u tmien eċċezzjonijiet (imfissra aktar 'il fuq taħt ir-raba' (iv) eċċezzjoni) imressqa mill-Awtorita` intimata, jirreferu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "*Albert Galea vs. Onor. Dr Patrick Holland et*", li tirreferi għall-fond mertu tal-kawża;

Rat id-degriet tal-Qorti tas-16 ta' Mejju, 2017[4], li bih laqgħet it-talba ta' Antoine u Mark Anthony Galea tat-8 ta' Mejju, 2017[5], sabiex jintervjenu bħala rikorrenti *in statu et terminis* fil-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2018[6], li bih ħatret lill-perit tekniku AIC Elena Borġ Costanzi, sabiex tistma l-valur lokatizju tal-fond mertu tal-kawża għall-perjodu minn Novembru 1973 sa llum;

Rat ir-Relazzjoni tal-perit tekniku tat-23 ta' April, 2018[7], maħlufa kif imiss fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Mejju, 2018;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-24 ta' Mejju, 2018[8], li bih il-partijiet ddikjaraw li ma kienx fi ħsiebhom jeskutu lill-perit tekniku, kif ukoll id-degriet

[2] Paġ. 23 tal-proċess
[3] Paġ. 24 tal-proċess
[4] Paġ. 89 tal-proċess
[5] Paġ. 85 tal-proċess
[6] Paġ. 169 tal-proċess
[7] Paġġ. 173 sa 192 tal-proċess
[8] Paġ. 194 tal-proċess

tagħha ta' dakinhar li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-Sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-15 ta' Ġunju, 2018[9];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Awtorita` intimata tal-21 ta' Awissu, 2018[10], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat Segretarju tal-Partit Laburista tal-14 ta' Settembru, 2018[11], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri mill-avukati tal-partijiet[12];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbali tas-smigħ, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali għat-tgawdija bil-kwiet ta' ġid jew possedimenti u nuqqas ta' kumpens xieraq. Ir-rikorrenti jsejsu l-azzjoni tagħhom fuq żewġ binarji, dik ta' nuqqas ta' interess pubbliku fl-għoti ta' ħwejjiġhom lil partit politiku biex jintuża bħala każin politiku u fl-użu li qed isir minnu, kif ukoll fuq in-nuqqas ta' proporzjonalita` minħabba l-kera baxx li qegħdin jingħataw għall-użu ta' dak il-ġid. Jgħidu li l-fond li tagħhom illum huma s-sidien, ittieħed bl-Ordni mingħand l-awturi fit-titolu tagħhom u ngħata mis-Segretarju tad-Djar ta' dak iż-żmien lil partit politiku sabiex jintuża bħala każin, kontra l-ħlas ta' kumpens fl-ammont ta' mija u sebgħa u erbgħin liri Maltin (Lm147) fis-sena. Minkejja li l-fond iġġarraf wara splużjoni li seħħet fl-1992 u baqa ma nbeniex, u minkejja li talbu li tinħareġ ordni ta' derekwiżizzjoni, it-talba tagħhom baqgħet ma ntlaqgħetx. Jgħidu li b'hekk ġarrbu u qegħdin iġarrbu ksur il-jeddijiet tagħhom taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Iridu li l-Qorti ssib ma tiswiex u bla effett l-Ordni ta' rekwiżizzjoni minħabba li tikser il-jeddijiet tagħhom u li jitqiegħdu fl-istat li kienu qabel il-ħruġ tagħha. Iridu wkoll li l-Awtorita` titlaq il-fond favur tagħhom u li jingħataw kumpens xieraq għall-istess ksur li ġarrbu, magħduda danni materjali u danni mhux pekunarji;

---

[9] Paġġ. 195 sa 205 tal-proċess
[10] Paġġ. 210 sa 217 tal-proċess
[11] Paġġ. 220 sa 226 tal-proċess
[12] Paġ. 229 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet, kemm preliminari kif ukoll fil-mertu;

Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li l-fond numru 5, Misraħ Paola, Raħal il-Ġdid (il-fond mertu tal-kawża), kien jagħmel minn blokka ta' bini ta' sitt (6) appartamenti u jsejjaħ bħala sidien lir-rikorrenti Rosette Fenech, li għandha sebgħa minn tlettax-il sehem ($^{7}/_{13}$) mhux maqsum minnu[13], lir-rikorrent Edgar Galea u lill-intervenuti fil-kawża Galea, li flimkien għandhom żewġt ishma minn tlettax-il sehem ($^{2}/_{13}$) oħrajn mhux maqsuma minnu[14]; filwaqt li l-bqija tal-ishma jsejħu lil qraba oħrajn tagħhom li ma humiex parti fil-kawża. It-titolu tar-rikorrenti u l-intervenuti fil-kawża ġej mill-wirt ta' Agnese mart zijuhom Albert Galea li mietet testata u mingħajr ulied f'Marzu tal-1971. L-imsemmi Albert Galea wiret il-fond mingħand martu Agnese u miet testat u bla wlied f'Lulju tal-1982[15];

Illi f'Ottubru tal-1973[16], is-Segretarju tad-Djar ta' dak iż-żmien bagħat jinnotifika lil Carmela Galea, Albert Galea u Carmela Grima (li sa dakinhar kienet diġa` nieqsa) bl-Ordni li biha talabhom jitilqu l-pussess tal-fond mertu tal-kawża u jikkonsenjawlu ċ-ċwievet. Kopja tal-istess Ordni ntbagħtet ukoll lil Albert Galea bħala l-amministatur tal-fond[17]. Sal-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu li għadda, il-fond ma kienx qed jintuża għal skop residenzjali iżda bħala fergħa tal-Posta. Qabel il-ħruġ tal-Ordni, iċ-ċwievet kienu diġa` għaddew mingħand il-*Postmaster Ġeneral* lid-Dipartiment tad-Djar f'Settembru[18]. Id-Dipartiment tad-Djar għaddiehom lill-Każin Laburista f'Novembru tal-istess sena sabiex il-fond jintuża bħala każin u fit-23 ta' Novembru, 1973, sar kuntratt ta' kirja. Il-Każin Laburista ntrabat li jħallas lil Albert Galea l-ammont ta' mija sebgħa u erbgħin lira Maltin (Lm147) fis-sena li kienu stabbiliti mid-Dipartiment[19];

Illi għal bosta snin Albert Galea naqas li jaċċetta l-kera u l-Każin Laburista ta' Raħal Ġdid kien jgħaddi l-kera lid-Dipartiment tad-Djar. Fl-1974 Albert Galea fetaħ kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-ismijiet "*Albert Galea vs. Onon. Dr Patrick Holland et*"[20], fejn biha xela lis-Segretarju Permanenti resposabbli mid-Dipartiment tad-Djar u lis-Segretarju tad-Djar b'egħmil abbużiv. Seħaq li l-Ordni nħareġ b'għan purament partiġġan u mhux fl-interess pubbliku. B'sentenza tat-30 ta' Jannar, 1975[21], l-ewwel Qorti ħelset lis-Segretarju

[13] Ara l-affidavit tan-Nutar Joseph Henry Saydon f'paġġ. 31 u 32 tal-proċess
[14] Ara l-affidavit tan-Nutar Peter Fleri-Soler f'paġ. 73 tal-proċess
[15] Ara l-affidavit tan-Nutar Joseph Henry Saydon f'paġ. 31 tal-proċess. Ara wkoll paġġ. 75, 78 sa 79 tal-proċess
[16] Dokti. "A" sa "Ċ", "MM1" u "MM2" f'paġġ. 5 – 7, 63 u 64 tal-proċess
[17] Dok. "MM3" u "MM4" f'paġġ. 65 u 66 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit ta' Mario Magro f'paġ. 60 tal-proċess
[18] Dok. "MM5" f'paġ. 67 tal-proċess
[19] Dok. "MM6" f'paġ. 68 tal-proċess
[20] Ċit. Nru. 144/1974
[21] Dok "PL3", f'paġġ. 137 sa 142 tal-proċess

Permanenti mill-ħarsien tal-ġudizzju u ċaħdet it-talbiet attriċi. B'sentenza tad-29 ta' Jannar, 1980, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet li kien fl-interess pubbliku li jkun hawn partiti politiċi, għaldaqstant l-għoti tal-fond għall-użu bħala każin politiku ma kienx aġir li jaqa' lill hinn mill-għanijiet tal-liġi;

Illi wara l-għoti tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell u għalkemm formalment qatt ma għaraf lill-intimat Partit Laburista bħala inkwilin tal-post rekwiżizzjonat, beda jirċievi l-ħlas tal-kera fuq il-fond mingħand id-Dipartiment tad-Djar[22]. Ħareġ ukoll mill-provi li, minn Ġunju tal-2007 'il quddiem meta l-fond għadda għand ir-rikorrenti, il-kirja ma baqgħetx tiġi aċċettata minnhom u bdiet titqiegħed taħt l-awtorita` tal-qorti[23];

Illi fl-1992 kienet seħħet splużjoni f'wieħed mill-appartamenti tal-blokka tal-fond mertu tal-kawża, u l-appartamenti ġġarrfu. Il-fond ma reġax inbena għall-istat li kien, qabel ma ġie anness ma' binja li l-istess Partit għandu bħala każin u li jmiss ma' dak tar-rikorrenti li qiegħed jintuża bħala bitħa li tagħmel mal-każin[24]. Jirriżulta li kien hemm żewġt ikmamar li s-saqaf tagħhom ma ġġarrafx fl-isplużjoni u dawn qegħdin jintużaw mill-każin bħala kċina u *store*[25]. Il-medda ta' wisgħa li l-fond kien jieħu qabel ma ġġarraf fl-isplużjoni llum saret bħal bitħa jew ambjent miftuħ fuq in-naħa tal-ġenb ta' ġid ieħor li l-Partit Laburista għandu bi ħwejġu: l-ambjent imsemmi jintlaħaq mit-triq[26];

Illi f'Jannar tal-2016[27], ir-rikorrenti ressqu ittra uffiċjali kontra d-Direttur biex iħassar l-Ordni għar-raġunijiet hemm imfissra. Minħabba l-użu attwali li qiegħed isir minn ħwejjiġhom, fit-22 ta' April, 2016[28], ir-rikorrenti ttantaw jitolbu li tinħareġ Ordni ta' de-rekwiżizzjoni. L-Awtorita` intimata ċaħditilhom it-talba u seħqet li, ladarba l-bini kien iġġarraf fl-isplużjoni, l-Ordni ma kienx baqa' fis-seħħ[29];

Illi fit-2 ta' Settembru, 2016, infetħet din il-kawża;

Illi fil-mori tal-kawża, il-Qorti ħatret perit tekniku sabiex jistma l-valur lokatizju tal-fond b'seħħ minn Novembru 1973 sallum[30]. Il-perit stima l-valur lokatizju tal-fond fis-sena 1973 fl-ammont ta' mitejn ħamsa u disgħin ewro

[22] Dok. "MM8" u "MM9" f'paġġ. 70 u 71 tal-proċess
[23] Dok. "RF6" sa "EG4" f'paġġ. 45 sa 53 tal-proċess
[24] Affidavit tar-rikorrenti Rosette Fenech f'paġġ. 43 – 4 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda ta' George Marshall f'paġ. 56 tal-proċess. Ara wkoll ir-Rapport tal-perit tekniku f'paġ. 177 tal-proċess
[26] Ara Rapport peritali f'paġ. 180 tal-proċess
[27] Dok "RF2", f'paġġ. 34 – 6 tal-proċess
[28] Dok. "B" f'paġ. 8 tal-proċess
[29] Dok. "RF3" f'paġ. 37 tal-proċess
[30] Ara l-verbal tas-smigħ tal-20 ta' Frar, 2018, f'paġ. 169 tal-proċess

(€295) fis-sena, filwaqt li fis-sena 2018, il-valur lokatizju tela' għal elfejn u mitt ewro (€2,100) fis-sena[31];

Illi l-Qorti trid tagħmel il-kunsiderazzjonijiet ta' natura legali tagħha dwar it-talbiet attriċi meħuda qies tal-argumenti u tar-raġunijiet mressqa mill-intimati permezz tal-eċċezzjonijiet rispettivi tagħhom għar-Rikors promotur. Jingħad mill-bidunett, li l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tal-jedd fundamentali tagħhom huwa limitat għall-jedd tat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti kif imħares fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi qabel ma tgħaddi biex tqis l-azzjoni fil-mertu, il-Qorti jidhrilha xieraq li tqis l-**eċċezzjonijiet preliminari** mqajma miż-żewġ intimati, billi wħud minnhom jimmiraw li jwaqqgħu l-azzjoni attriċi u, jekk inhuma mistħoqqa, ma jkunx hemm għalfejn li l-Qorti tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti;

Illi **l-Awtorita` intimata qajmet sitt (6) eċċezzjonijiet** li jistgħu jitqiesu bħala eċċezzjonijiet ta' sura preliminari. L-ewwel waħda titkellem dwar bidla fl-"okkju" tal-kawża minħabba li l-Awtorita` ngħatat bil-liġi s-setgħat li kien igawdi d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali. B'digriet mogħti fis-6 ta' Ottubru, 2016, il-Qorti pprovdiet dwar dan u għalhekk ma hemmx għalfejn tqis aktar dik l-eċċezzjoni ladarba l-partijiet laqgħu l-atti kif mibdula;

Illi t-tieni eċċezzjoni (fis-sewwa magħmula minn tliet eċċezzjonijiet imsensla) tqajjem il-kwestjoni li r-rikorrenti jridu juru li huma sidien tal-fond mertu tal-kawża mressqa minnhom. Hija tgħid li jaqa' fuq ir-rikorrenti li juru tabilħaqq li huma sidien tal-post għaliex azzjoni bħal tagħhom titlob li min iressaqha jkollu interess ġuridiku f'dak li jrid jikseb bis-saħħa tagħha. Minbarra dan, iżżid tgħid li jkun meħtieġ li r-rikorrenti juru tajjeb biżżejjed li huma s-sidien jew sidien waħedhom tal-post, biex b'hekk ma jiġrix li, 'l quddiem, ikun hemm ħaddieħor li jitħajjar iressaq azzjoni bħalha u jgħid li huwa wkoll huwa s-sid tal-post;

Illi r-rikorrenti jwarrbu dawn l-eċċezzjonijiet billi jsemmu l-provi li ressqu matul is-smigħ tal-kawża biex juru x'rabta għandhom mal-post u kif dan huwa biżżejjed biex jagħtihom il-jedd li jressqu l-azzjoni tallum dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali;

Illi l-Qorti jidhrilha li r-rikorrenti seħħilhom juru tajjeb biżżejjed li huma sidien tal-post, għalkemm hemm sidien oħrajn ukoll. Bejniethom, ir-rikorrenti jżommu aktar min-nofs ($^1/_2$) l-ishma mhux maqsuma tal-fond. Din il-Qorti tqis li l-grad ta' prova li jmissu jintwera minn parti rikorrenti f'kawża bħal

[31] Relazzjoni tal-perit tekniku f'paġġ. 179 tal-proċess

din mhuwiex dak li jintalab u huwa mistenni li jintwera f'azzjonijiet petitorji[32]. Sa ċertu punt, minħabba li l-azzjoni attriċi ssejset fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, kien ikun biżżejjed jekk ir-rikorrenti jiġġustifikaw jeddijiet ta' pussess jew xi jedd imnissel minn pussess meħud jew li dwaru sar indħil mill-Istat. Il-Qorti tqis ukoll li l-Awtorita` intimata ma waqqgħet bl-ebda mod il-provi mressqa mir-rikorrenti dwar il-jeddijiet tagħhom fuq il-post. L-istess jista' jingħad dwar l-intimati l-oħrajn li, għall-kuntrarju, ressqu provi dokumentali li jixhdu li għal bosta snin huma kienu jagħrfu lill-awturi fit-titolu tar-rikorrenti bħala s-sidien tal-fond;

Illi għalhekk din l-eċċezzjoni preliminari mhix mistħoqqa u mhux se tintlaqa';

Illi marbuta mal-eċċezzjoni ta' qabilha, l-Awtorita` intimata qajmet il-kwestjoni dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ. Hija tgħid li mill-atti waħedhom joħroġ li r-rikorrenti mhumiex is-sidien waħedhom tal-post u l-kawża għalhekk ma tistax trieġi sakemm is-sidien kollha ma jkunux parti fil-kawża. Hija żżid tgħid li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, ir-rikorrenti "ittentaw jillapazzaw" dan in-nuqqas billi tressqet talba biex sidien oħrajn jitħallew jintervjenu *in statu et terminis*, u tali soluzzjoni xorta waħda mhijiex ta' fejda għalihom għaliex l-intervenut fil-kawża ma jitqiesx bħala parti f'kawża u, wkoll f'każ ta' eżitu favorevoli għar-rikorrenti, l-intervenuti ma jistgħux jeżegwuha;

Illi r-rikorrenti jwarrbu din l-eċċezzjoni. Jgħidu li ma kienx meħtieġ li kull min għandu xi sehem mill-post kellu tabilfors ikun parti fil-kawża, għaliex l-interess tagħhom bħala sidien ta' ishma mill-istess post ġej mill-ksur ta' jedd fundamentali li kull wieħed u waħda minnhom ġarrbu u qegħdin iġarrbu joħloq interess tajjeb u biżżejjed biex iressqu l-azzjoni tagħhom;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni preliminari wkoll mhijiex mistħoqqa. B'żieda mal-kunsiderazzjonijiet li saru dwar l-eċċezzjoni(jiet) ta' qabilha, din il-Qorti ssib li f'azzjoni bħal dik imressqa mir-rikorrenti, l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali mġarrab minn xi persuna jagħti lil dik il-persuna il-leġittimazzjoni attiva biex tressaq kawża bħal dik, minkejja li jista' jkun hemm persuni oħrajn milqutin bl-istess ċirkostanzi u li jġarrbu ksur tal-jedd tagħhom. Fi kliem ieħor, azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, ma titlobx lil kull min iġarrab ksur bħal dak li bilfors irid jixxierek ma' oħrajn bħalu biex tista' tinfetaħ kawża ta' dik is-sura. Daqstant ieħor, min jilminta li fil-konfront tiegħu seħħ ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu m'għandux għalfejn joqgħod jistenna lil kull min jista' jkun milqut ukoll biex jingħaqad miegħu ħalli tista' titressaq azzjoni waħda. F'ċirkostanza bħal din, ir-regoli proċedurali li jitolbu l-

[32] Kost. **13.4.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita` tad-Djar et*** §§ 50 – 4

litiskonsorzju ma jgħoddux, u l-ġudizzju jkun sħiħ u tajjeb sakemm min jiftaħ il-kawża juri li tabilħaqq għandu l-interess ġuridiku meħtieġ biex iressaq l-ilment quddiem il-qrati[33];

Illi safejn l-eċċezzjoni preliminari tolqot l-intervent mitlub (u mogħti) lil xi sidien oħrajn, il-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel jgħoddu wkoll. Huwa minnu li l-liġi tagħraf bejn dak li hu msejjaħ fil-kawża minn xi waħda mill-partijiet (intervent ko-att) u l-intervenut fil-kawża minn jeddu (intervent volontarju). Filwaqt li tal-ewwel jitqies bħala parti fil-kawża għal kull fini u effett tal-liġi, tat-tieni, minkejja l-interess ġuridiku li jista' jkollu (u dan huwa sewwasew l-ingredjent waħdieni li jsejjes l-għażla tiegħu li jindaħal f'kawża li tkun miexja bejn terzi), ma jsir qatt parti, għalkemm is-sentenza li tingħata jkollha effett ta' ġudikat dwaru wkoll[34];

Illi din id-distinzjoni ilha żmien tiġi magħrufa mill-Qrati tagħna u jidher li din il-fehma baqgħet ma nbidlitx wisq maż-żmien[35]. B'mod partikolari, l-intervenut jidħol fil-kawża fil-qagħda jew l-istat li din tkun waslet fiha meta jindaħal u l-proċess ġudizzjarju ma jitreġġax lura minħabba d-dħul tiegħu fil-kawża. Minbarra dan, il-liġi nnifisha tipprovdi li persuna tista' tindaħal f'kawża li tkun għaddejja bejn partijiet oħrajn, imqar jekk tkun diġa` telgħet fl-istadju tal-appell[36];

Illi, b'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li, bħal fil-każ tal-istitut tas-sejħa fil-kawża (li jaqa' taħt l-istess Titolu tal-Kodiċi tal-Proċedura), l-istitut tal-intervent fil-kawża huwa maħsub biex, kemm jista' jkun, ikun hemm ġbir f'kawża waħda ta' l-interessati kollha possibbli bil-ħsieb li ma jfaqqsux iżjed kawżi dwar l-istess kwestjoni. Hekk ukoll huwa prinċipju wkoll aċċettat li min jindaħal fil-kawża minn rajh, u mogħni bl-interess meħtieġ, ma jagħmilx dan bilfors fl-interess tal-imħarrek, imma fl-interess tiegħu, li jista' jkun jikkontrasta 'l dak tal-imħarrek[37]. Hekk ġara f'dan il-każ: il-persuni li talbu li jidħlu fil-kawża *in statu et terminis* kellhom l-istess interess tar-rikorrenti u din il-Qorti appożitament laqgħet it-talba tagħhom li jintervjenu "flimkien mar-rikorrenti l-oħrajn". Għaldaqstant, huwa mgħallem li l-għan tal-istitut li persuna titħalla tidħol minn rajha fil-kawża huwa dettat, mhux mill-ħtieġa li tagħmel il-ġudizzju wieħed sħiħ, imma mill-interess ġuridiku li dik il-persuna turi lill-Qorti li għandha fl-eżitu tal-kawża bejn persuni oħrajn;

---

[33] Ara Kost. **18.7.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Edward Żammit Maempel et vs Awtorita` tad-Djar et*** § 40
[34] Ara App. Kumm. **17.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Ellul Sullivan noe vs Victor Abela noe et***
[35] Ara P.A. **30.11.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe Axiaq vs Lapira*** (Kollez Vol: **XXV.ii.208**); P.A. **20.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Staines*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.116**); u App. Ċiv. **19.4.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Morana et*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.321**)
[36] Ara App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Stivala*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.477**)
[37] Ara App. Kumm. **28.7.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXI.i.329**)

Illi l-fatt li r-rikorrenti u l-intervenut fil-kawża m'għandhomx is-sehem kollu fil-fond mertu tal-kawża, ma jċaħħadx lir-rikorrenti milli jmexxu l-kawża f'isimhom, u lanqas lill-intervenuti fil-kawża milli jintervjenu;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, din l-eċċezzjoni preliminari wkoll mhix tajba u ma jistħoqqilhiex tintlaqa';

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet jgħoddu wkoll għall-**ħames eċċezzjoni tas-Segretarju intimat** li l-Qorti, għalhekk, tqisha bħala mhix tajba u mhix se tintlaqa' lanqas;

Illi bir-raba' eċċezzjoni preliminari tagħha (paragrafi sitta, sebgħa u tmienja tat-Tweġiba) l-Awtorita` intimata tgħid li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tistħarreġ u tqis l-ilment tar-rikorrenti ladarba messhom inqdew b'rimedji "ordinarji" li tagħtihom il-liġi[38] biex jattakkaw l-Ordni jekk tassew iqisu li nħarġet bi ksur tal-liġi. Ta' min jgħid li, fis-sottomissjonijiet tagħha tal-għeluq, l-Awtorita` ma ressqitx sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni, għalkemm formalment ma rtirathiex;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jirribattu din l-istedina billi jgħidu li ma huwiex minnu li ma kinux ittieħdu r-rimedji taħt il-liġi ordinarja. Kemm hu hekk, ressqu provi li juru li l-awtur tagħhom fit-titolu – Albert Galea – kien tassew ipprova jattakka s-siwi tal-Ordni quddiem il-Qrati Ċivili billi fetaħ kawża fi żmien qasir wara l-ħruġ tagħha. Mhux hekk biss, imma wara li l-Qorti tal-ewwel istanza ma laqgħetx l-azzjoni tiegħu, appella u resaq quddiem il-Qorti tal-Appell li wkoll, għar-raġunijiet tagħha, ċaħditlu l-appell tiegħu;

Illi l-Qorti tqis li ladarba l-Awtorita` intimata baqgħet ma rtiratx l-eċċezzjoni, din il-Qorti għandha tikkunsidraha. Bla ma ssib li għandha għalfejn tidħol f'kunsiderazzjonijiet imtennija dwar meta u f'liema ċirkostanzi Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali jmissha tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha biex tqis azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali, tgħid biss li l-eċċezzjoni mhijiex mistħoqqa fiċ-ċirkostanzi. Dan jingħad għaliex intwera li, fiż-żmien xieraq u minnufih wara l-ħruġ tal-Ordni, il-persuni li kellhom interess jattakkaw is-siwi tal-Ordni tassew nedew proċeduri fil-qrati kompetenti biex jattakkawha. Fit-tieni lok, dak li qegħdin jitolbu r-rikorrenti fil-kawża tagħhom tallum imur ukoll lil hinn minn hekk. Dan qiegħed jingħad għaliex bl-azzjoni tagħhom qegħdin jitolbu rimedju li lanqas azzjoni taħt il-Kapitolu 125 jew waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt il-Kapitolu 12 ma tagħtihom b'mod effettiv[39];

---

[38] Art. 8(2) tal-Kap 125
[39] Kost. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe et vs Awtorita` tad-Djar et*** §10

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti mhijiex se tilqa' l-eċċezzjoni u sejra tgħaddi biex twettaq is-setgħat tagħha biex tqis l-ilment tar-rikorrenti fil-mertu;

Illi bil-ħames eċċezzjoni preliminari (paragrafi disgħa sa tlettax tat-Tweġiba), l-Awtorita` intimata tgħid li r-rikorrenti ħallew ħafna żmien jgħaddi qabel ma fetħu l-kawża li fiha talbu rimedju li din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa li tagħti (għaliex it-tħassir tal-Ordni jista' jsir biss minn Qorti oħra), minbarra li dwar it-talba għall-għoti ta' kumpens materjali, dik it-talba kienet titlob azzjoni għad-danni u mhux kawża ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali;

Illi r-rikorrenti ma ressqux sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni;

Illi l-Qorti tqis li l-fatt li r-rikorrenti nqdew bil-jedd tal-azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali wara li kien għadda żmien minn mindu seħħew il-ġrajja, ma jnaqqas xejn mis-siwi tal-azzjoni. Il-liġi tagħna ma tqiegħedx għatu fuq azzjoni bħal din billi timponi żmien jew li tagħlaqha wara li jgħaddi ċertu żmien, u għalkemm jista' jkun li, f'ċirkostanzi partikolari, d-dewmien min-naħa tal-parti mġarrba tista' tinċidi fuq il-kwantum tar-rimedju mogħti, ma għandu qatt inaqqar fil-jedd li titressaq il-kawża meta l-parti mġarrba tagħżel li jkun il-waqt xieraq biex tagħmel dan[40]. Daqstant ieħor din il-Qorti ma tifhimx is-siwi tal-eċċezzjoni tal-Awtorita` intimata safejn tqajjem il-kwestjoni tas-setgħat li din il-Qorti għandha fl-għoti ta' rimedju dwar kumpens materjali jew pekunjarju. Parti mħarrka ma għandhiex tindaħal liema azzjoni tagħżel li tressaq il-parti attriċi – għandha biss il-jedd li tiddefendi lilha nnifisha mill-azzjoni magħżula, ukoll jekk tali difiża tista' tkun is-siwi tal-azzjoni attriċi nnifisha. Imma l-eċċezzjoni tal-Awtorita` ma tgħidx hekk. Din il-Qorti tqis li l-azzjoni attriċi hija eminentement waħda ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali u l-konsegwenzi u s-setgħat li din il-Qorti tista' tislet, fuq is-saħħa tal-provi mressqa u tas-sottomissjonijiet u l-eċċezzjonijiet magħmula, huma dawk li huma. Ir-rikorrenti għażlu li ma jressqux azzjoni "ordinarja" għad-danni, għaliex f'azzjoni bħal dik il-Qorti li quddiemha titressaq ma tkunx tista' tistħarreġ l-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali;

Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni ma hija tajba u mhix ser tintlaqa';

Illi s-sitt eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` titkellem dwar li l-azzjoni attriċi għad-danni waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

---

[40] Ara, b'eżempju, Kost **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Alessandra Radmilli vs Joseph Ellul et*** §55

Illi l-Qorti qajla għandha għalfejn ittawwal wisq dwar din l-eċċezzjoni. Filwaqt li tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet magħmulin hi u tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari ta' qabilha, tgħid li l-kumpens li jingħata minn din il-Qorti f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti m'għandux jitħallat mal-likwidazzjoni tad-danni ċivili mitluba u mogħtija f'azzjoni akwiljana. Dan sewwasew għaliex dak ir-rimedju huwa maħsub f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikun instab ksur ta' jedd fundamentali, u fejn l-għoti ta' kumpens fi flus irid jagħmel b'xi mod tajjeb għal meta r-rimedju mogħti ma jkunx wassal għar-"*restitutio in integrum*". Mela, l-għajn tal-kumpens mogħti f'azzjoni bħal din li l-Qorti għandha quddiemha llum mhuwiex il-fatt tal-egħmil delittwali jew kważi-delittwali, imma s-sejbien tal-ksur tal-jedd fundamentali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddux għal azzjoni bħal din. Meta, imbagħad, il-parti mġarrba tibqa' ttenni l-ksur tal-jeddijiet tagħha sa dakinhar li l-Qorti tagħraf il-ksur, ikun ta' xejn li wieħed jitkellem dwar preskrizzjoni, tkun ta' liema xorta tkun;

Illi għalhekk il-Qorti se tiċħad din l-eċċezzjoni wkoll;

Illi s-Segretarju intimat qajjem **tliet (3) eċċezzjonijiet preliminari** għall-azzjoni attriċi. L-ewwel waħda hija li huwa jmissu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex, skond l-istatut fis-seħħ, ir-rappreżentanza ġuridika tal-Partit Laburista hija vestita f'uffiċjali oħrajn; it-tieni waħda (magħmula minn żewġ eċċezzjonijiet) hi li huwa ma jistax ikun il-kontradittur leġittimu ta' wħud mit-talbiet attriċi; filwaqt li t-tielet waħda hi li ma kienx hemm bżonn li l-azzjoni attriċi tinbeda b'rikors maħluf fis-sura ta' att imressaq taħt l-Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti se tibda mill-aħħar minn dawn l-eċċezzjonijiet. Huwa minnu li l-liġi tippreskrivi regoli proċedurali dwar kif imissu jkun att li bih tinbeda azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali[41]. Dawk ir-regolamenti jgħidu li azzjoni bħal din tinbeda b'rikors. Fil-każ tallum, ir-rikorrenti għażlu li jressqu rikors maħluf li jixbah lil wieħed li jintuża biex tinbeda kawża ordinarja quddiem il-Qrati Superjuri[42]. Dan ma jwassalx għan-nuqqas ta' siwi tal-att promotur f'din il-kawża, għaliex il-liġi tgħid sewwasew li att ma jkunx bla siwi jekk kemm-il darba minflok li jitressaq b'rikors, jitressaq b'rikors maħluf[43]. Minbarra dan, ir-regolamenti proċedurali jgħidu wkoll[44]. Il-Qorti ma tarax xi ħsara ġarrbu l-intimati minħabba dik l-għażla tar-rikorrenti, u lanqas tara kif, minħabba dik l-għażla, is-segretarju intimat jista' jġarrab xi spejjeż tal-kawża żejda;

[41] Reg. 2 tal-A.L. 279/08 (L.S. 12.09)
[42] Art. 156(1) tal-Kap 12
[43] Art. 164(2) tal-Kap 12
[44] Reg. 3(5) tal-A.L. 279/08 (L.S. 12.09)

Illi għalhekk l-eċċezzjoni mhix se tintlaqa';

Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari trid li r-rikorrenti ħarrku persuna li m'għandhiex ir-rappreżentanza ġuridika tal-Partit għaliex l-Istatut tal-Partit Laburista jagħti dik ir-rappreżentanza lil ħaddieħor fost it-tmexxija tiegħu[45]. Il-kawża tallum infetħet kontra is-Segretarju Partit Laburista, li tabilħaqq m'għandux ir-rappreżentanza ġuridika tal-Partit;

Illi, madankollu, mill-atti tal-kawża jidher ċar li r-rikorrenti ħarrku bħala parti intimata lill-Parit Laburista u li s-Segretarju mħarrek issemma f'isem il-Partit. Kemm hu hekk, in-notifika tal-att li bih infetħet il-kawża intalbet u saret fil-kwartier-ġenerali tal-Partit fil-Ħamrun u mhux fil-fergħa tal-Partit ta' Raħal Ġdid u lanqas fl-indirizz postali ta' fejn jgħix l-imsemmi segretarju f'Santa Luċija. Min ressaq it-tweġiba – u qajjem l-eċċezzjonijiet – jidher li huwa s-segretarju tal-Kumitat Lokali tal-każin ta' Raħal Ġdid[46] u mhux wieħed mill-uffiċjali tal-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit. Għas-smigħ tal-kawża, deher dejjem is-segretarju tal-Kumitat Lokali u qatt ma deher xi uffiċjal ieħor tal-Eżekuttiv Nazzjonali tal-Partit. Dik il-persuna ressqet il-provi tagħha u wkoll is-sottomissjonijiet f'isem il-Partit imħarrek. Il-mistoqsija tqum waħedha: dawk il-provi mressqa u dawk is-sottomissjonijiet f'isem min saru? Jidher li kienet għalhekk l-għażla tal-Partit intimat li ma jinqediex bl-uffiċjali tiegħu biex imexxu l-kawża f'ismu, iżda li joqgħod fuq it-tħabrik tas-segretarju tal-fergħa ta' Raħal Ġdid biex jidher għalih;

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, u ta' dak li se jingħad aktar 'il quddiem, din l-eċċezzjoni sejra tintlaqa' biss safejn tirrigwarda lill-persuna tas-segretarju intimat, imma mhux ukoll fir-rigward tal-Partit Laburista intimat;

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari (magħmula minn żewġ paragrafi) tirrigwarda l-leġittimazzjoni passiva tal-Partit intimat dwar uħud mit-talbiet tar-rikorrenti. F'dawn l-eċċezzjonijiet, l-intimat Segretarju jgħid li mhux il-kontradittur leġittimu għal żewġ raġunijiet: fl-ewwel lok, jgħid li l-Ordni ma nħarġetx minnu, minkejja li bis-saħħa tagħha, huwa kien ibbenefika; fit-tieni lok, huwa m'għandu ebda setgħa jeżegwixxi t-talbiet attriċi, kemm-il darba kellhom jintlaqgħu;

Illi għal dawn l-eċċezzjonijiet ir-rikorrenti jgħidu li l-ksur imġarrab minnhom mhuwiex ir-riżultat biss tal-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Ordni, iżda tal-fatt li persuna jew entita` bħala fatt qiegħda żżomm taħt idejha l-ġid tagħhom bis-saħħa tal-Ordni;

---

[45] Ara Art. 4 tal-Kap XXI tal-Istatut tal-Partit Laburista, Dok "PL1", f'paġ. 135 tal-proċess
[46] Affidavit ta' George Marshall f'paġ. 102 tal-proċess

Illi, fis-sewwa, il-kwestjoni ta' min imissu jkun il-kontradittur leġittimu f'azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali llum il-ġurnata jidher li trid titqies ukoll mil-lenti tal-effett li dik l-azzjoni ġġib magħha li kieku l-ilment jintlaqa'. Jibda biex jingħad li n-natura ta' azzjoni, anke dik ta' natura Kostituzzjonali, hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu nfetħet il-kawża. Qari xieraq tar-rikors li bih ir-rikorrenti bdew din il-kawża ma jħalli l-ebda dubju li sejsu l-azzjoni tagħhom fuq l-Ordni u l-użu li baqa' jsir mill-fond mill-Partit intimat bis-saħħa ta' dik l-Ordni. Ir-rikorrenti jitolbu kemm dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet tagħhom, kif ukoll rimedju;

Illi f'każijiet li jolqtu l-jedd ta' tgawdija bil-kwiet tal-ġid jew tal-possedimenti, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, issaħħet il-fehma tal-Qrati li persuna intimata jmissha tibqa' fil-kawża, imqar jekk minħabba l-effetti li s-sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali jista' jkollu fuq il-ġid li jkollha taħt idejha u liema ġid ikun jappartjeni lill-parti attriċi[47]. Dan jgħodd ukoll jekk dik il-parti mħarrka ma tkunx hija li ġabet il-ksur tal-jedd ilmentat u mqar jekk dik il-persuna tkun inqdiet minn xi jedd mogħti lilha mil-liġi. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li, jekk kemm-il darba kellha ssib li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom dwar dak il-fond, ir-rimedju jrid jingħata mill-Istat u mhux mill-privat, imma l-intimat ma jistax ma jintlaqatx ukoll bl-għamla ta' rimedju li jista' jingħata;

Illi għalhekk dawn l-eċċezzjonijiet preliminari mhumiex tajba u mhux se jintlaqgħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu** dwarha, jidher li l-kwestjoni bejn il-partijiet fil-qofol tagħha għandha titqies fil-qafas tal-għan dikjarat fil-ħruġ tal-Ordni u l-effetti ta' dik l-Ordni mal-medda taż-żmien;

Illi fiż-żmien li nħarġet l-Ordni mertu ta' din il-kawża, is-setgħa tal-awtorita` pubblika li toħroġ ordni ta' rekwiżizzjoni kienet titlob imqar waħda minn żewġ ċirkostanzi: jew l-interess pubbliku, jew l-għan li jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar. Jirriżulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Jannar, 1980, instab li l-użu li kien qed isir mill-fond kien wieħed leġittimu u li l-għan li għalih inħarġet l-Ordni kien ukoll wieħed li joqgħod għall-interess pubbliku. Ġara li, bil-bidliet li ddaħħlu fil-Kapitolu 125 bis-saħħa tal-Att XXXVII tal-1989, is-setgħa li d-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali kellu li joħroġ ordni bħal dik fl-interess pubbliku ġiet limitata billi setgħet tinħareġ "*biss bil-għan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura*

[47] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Cassar Torreggiani et vs Avukat Ġenerali et***

*t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wieħed jista' jgħammar*". Madankollu, tajjeb li wieħed jgħid li dak l-Att emendatorju kien jipprovdi wkoll li d-dispożizzjonijiet tal-Att ewlieni[48] "*għandhom jibqgħu fis-seħħ għar-rigward ta' kull ordni ta' rekwiżizzjoni fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att, li bih il-bini jkun rekwiżizzjonat għal xi għan li ma jkunx l-għan biex jipprovdi lin-nies lok fejn wieħed jista' jgħammar jew biex jiżgura t-tqassim xieraq ta' dawk il-postijiet fejn wieħed jista' jgħammar..*"[49]. L-Att emendatorju tal-1989 daħal fis-seħħ bl-assens presidenzjali fit-12 ta' Diċembru, 1989, imma, bis-saħħa ta' din l-aħħar imsemmija dispożizzjoni, is-siwi tal-Ordni, safejn inħarġet dwar post biex jintuża bħala każin politiku, baqgħet bla mittiefsa;

Illi ta' min iżomm quddiem għajnejh ukoll li l-liġi ewlenija tipprovdi wkoll li ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġ u notifikat kif jitlob l-Att ".. *għandu jopera u jkollu effett sħiħ kontra kulħadd u jibqa' hekk operattiv u effettiv sakemm il-bini jiġi derekwiżizzjonat*"[50]. Dan qiegħed jingħad fid-dawl tal-pożizzjoni meħuda mill-Awtorita` intimata f'dan il-każ;

Illi f'dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti dwar il-**ksur allegat taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi fit-tifsira w l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha);

Illi bħalma bosta drabi ngħad, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali.

[48] Jiġifieri l-Att II tal-1949 (Kap 125)
[49] Art. 10 tal-Att XXXVII tal-1989
[50] Art. 3(4) tal-Kap 125

It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat. Dwar it-tifsir xierqa ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa`[51] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-Artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[52]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta` demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi. Dan ukoll jgħodd fejn l-Istat ma jiħux ġid f'idejh imma, ukoll f'każ fejn jgħaddi liġijiet maħsuba biex jirregolaw l-użu u t-tgawdija ta' ġid bħal dak;

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjeta`. Kemm hu hekk "*The English language text uses the word 'possession' to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word 'biens' in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporal and incorporeal interests, such as company shares and intellectual property. A cause of action that has unconditionally vested may qualify as an 'asset' constituting a 'possession'. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions. The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not generally have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions', although 'legitimate expectations' may be relevant in establishing that there are rights to be protected by Article 1 of the First Protocol*"[53];

Illi ta' min jgħid li l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jirreferi għall-interess pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-skop pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jħoll u jorbot jekk għemil jiksirx dak l-artikolu

---

[51] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[52] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61
[53] Harris, O'Boyle, Bates & Buckley, Law of the European Convention, (2nd Edit), paġġ. 656 – 8

konvenzjonali[54]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f'għemil partikolari joħroġx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*"[55];

Illi huwa stabbilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilita` konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[56];

Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet tal-Artikolu 1, *"there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner's right, the Court has been very cautious about accepting that a de facto deprivation of property qualifies as a 'deprivation' for the purposes of Article 1/2. De facto takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title.*"[57] Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[58];

Illi minbarra dan, kif ingħad aktar qabel, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem tibqa' il-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita`[59];

Illi, min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa ta' interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[60], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies

---

[54] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246)** (kawża dwar esproprju ta' post biex jintuża bħala banka tal-lottu
[55] Q.E.D.B **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik.Nru. 7151/75) §69
[56] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[57] Harris, O'Boyle, Bates & Buckley, *op cit.*, paġġ. 677 – 8
[58] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et***
[59] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs L-Avukat Ġenerali et***
[60] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***

bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[61]. Madankollu, il-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjeta` u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[62];

Illi huwa aċċettat ukoll li s-setgħa mogħtija lill-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid ukoll għal għanijiet soċjali jew fl-interess pubbliku trid titwettaq b'mod proporzjonali mal-interessi tas-sid privat fit-tgawdija ta' ħwejġu[63]. Din il-proporzjonalita` tinkiseb fis-sura ta' ħlas ta' kumpens xieraq u għalhekk jekk il-kumpens maħsub mil-liġi ma jkunx xieraq, jonqos l-element tal-proporzjonalita`. Jekk jonqos dan l-element, ikun hemm ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija paċifika tal-ġid kif imħares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi huwa stabbilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita` taħt il-Konvenzjoni "*inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system*."[64]. Dan l-element tal-proporzjonalita` kien kunsidrat b'reqqa mill-ogħla Qorti f'Malta f'għadd ta' każijiet u l-Qorti tqis li għandha taċċenna għalihom bla ma tidħol f'dettal ta' tismija mill-ġdid[65];

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-indħil li minnu jilmentaw ir-rikorrenti seħħ bil-ħruġ ta' l-Ordni mid-Dipartiment tad-Djar meta l-awturi fit-titolu tagħhom intalbu jgħaddu l-pussess tal-fond għand il-partit intimat biex il-fond seta' jintuża bħala każin, u baqa' jissussisti meta l-Awtorita` intimata ċaħditilhom it-talba biex tinħareġ ordni ta' derekwiżizzjoni fuq il-fond minkejja li l-fond kien iġġarraf u nbidel f'bitħa jew wesgħa miftuħa li testendi l-każin vera u proprju li huwa wkoll ġid tal-istess partit intimat Jilmentaw ukoll mill-kumpens baxx li ngħataw għal użu li sar mill-fond;

Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom[66], ir-rikorrenti jisħqu li t-teħid tal-fond ma kienx wieħed leġittimu għaliex il-fond intuża bħala 'estensjoni' billi l-Partit Laburista kien diġa` sid ta' fond ieħor, biswit dak tar-rikorrenti. Itennu wkoll li l-istess teħid huwa nieqes mill-proporzjonalita` mistennija taħt il-Kap.

[61] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
[62] K. Reid *A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (3rd. Edit, 2007) § IIB – 337 f'paġ. 501
[63] Q.E.D.B. *ibid.* §§ 56 u 58
[64] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3
[65] Ara Kost. **27.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Xerri et vs Avukat Michelle Tabone noe et***, fost bosta oħrajn
[66] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġ. 199, 203 sa 204 tal-proċess

125 billi bl-għoti ta' kumpens baxx, ma nżammx il-proporzjon bejn l-interess pubbliku u dak privat;

Illi l-Awtorita` intimata[67] ttenni li r-rekwiżizzjoni tal-fond, ladarba waslet għal kirja bi ħlas, minnha nnifisha ma tiksirx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Tgħid ukoll li huwa aċċettat mill-Qrati tagħna li l-kumpens li jingħata ma jistax ikun dak li jingħata taħt kirjiet kummerċjali, kif ukoll li jrid jittieħed qies tal-isfond politiku li fih inħareġ l-Ordni;

Illi l-intimat Segretarju tal-Partit Laburista[68], min-naħa l-oħra, iżid jgħid li, sa minn żmien qabel ma nħareġ l-Ordni, il-fond kien diġa` f'idejn l-Istat għaliex kien jintuża bħala fergħa postali, li dak iż-żmien kien servizz dipartimentali tal-Gvern. Jargumenta li għaldaqstant bir-rekwiżizzjoni kull ma seħħ kien tibdil fl-iskop pubbliku. Ifakkar li mhux il-proprjeta` kollha kienet ġiet rekwiżizzjonata u għaldaqstant il-kumpens stabbilit kien wieħed proporzjonat fiċ-ċirkostanzi;

Illi din il-Qorti tqis li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ma jistax jingħad li r-rikorrenti ġew "privati" jew imċaħħda minn ħwejjiġhom għall-finijiet tat-tifsira mogħtija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Madankollu, ma hemm l-ebda dubju li l-aġir tad-Direttur Għall-Akkomodazzjoni Soċjali bil-ħruġ tal-Ordni ħoloq indħil sostanzjali fit-tgawdija ta' ħwejjeġ ir-rikorrenti b'mod li l-ilment tagħhom jaqa' biex jitqies taħt it-tieni paragrafu tal-istess artikolu. Bl-istess mod, jidher li l-ħruġ tal-Ordni seħħ taħt liġi li kienet fis-seħħ u li, wkoll meta nbidlet (bosta snin wara l-ħruġ tal-Ordni), baqgħet tħares is-siwi ta' ordnijiet ta' rekwiżizzjoni li nħarġu għal għanijiet li ma kinux marbuta mal-għoti lin-nies ta' post fejn jgħixu;

Illi għar-rigward tal-**interess pubbliku** li għalih ittieħdet il-proprjeta`, jingħad li filwaqt li fil-kawża miftuħa mill-awturi fit-titolu tar-rikorrenti bil-għan li tikkontesta s-siwi tal-Ordni, il-Qorti tal-Appell ta' dak iż-żmien ikkonfermat is-sejbiet tal-Qorti tal-ewwel istanza u l-linja ta' ħsieb (li kienet tissusisti dawk iż-żminijiet) dik l-Ordni tqieset li nħareġ għal għan leġittimu u skond il-liġi. Aktar 'il quddiem, il-Qorti Kostituzzjonali tbegħdet minn dan il-ħsieb, kemm minħabba tibdil leġislattiv li kien sar għal Artikolu 3 tal-Kapitolu 125 kif ukoll fl-iżvilupp fil-każistika Ewropea, u sabet li t-teħid ta' proprjeta` jew it-teħid ta' pussess ta' post għal użu li mhuwiex dak biex jingħata ħalli fih wieħed jgħix, ma jistax jitqies li jaqdi l-ħtieġa ta' "interess pubbliku" meta jkun, fil-fatt, jaqdi interess privat[69]. Huwa minnu li l-istess Qorti jidher li

[67] Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` intimata f'paġġ. 212 sa 214 tal-proċess
[68] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-Segretarju tal-Partit Laburista f'paġġ. 225 sa 226 tal-proċess
[69] Kost. **30.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Segretarju tad-Djar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.390**) a fol. 402 – 3 (rekwiżizzjoni ta' ġid biex jintuża bħala każin ta' soċjeta` filarmonika)

aċċettat li, għall-finijiet tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, il-frażi "interess pubbliku" "*mhix intiża biex tfisser li l-beni li l-individwu jkun ġie pprivat minnhom iridu bilfors jiġu messi għad-dispożizzjoni tal-pubbliku jew tal-kollettività intera. Infatti, il-privazzjoni tal-proprjeta` tista' tavvera ruħha wkoll in attwazzjoni ta' politika ta' ġustizzja soċjali u kwindi fl-interess ġenerali, anke meta jkun hemm trasferiment obbligatorju tal-proprjeta` minn persuna għal oħra*"[70]. F'dak li jirrigwarda l-ħruġ ta' ordni ta' rekwiżizzjoni dwar post biex jintuża għall-interess ta' jew minn partit politiku bħala każin, bħalma huwa l-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ilu żmien jingħad li f'każ bħal dan jonqos l-element tal-interess pubbliku[71];

Illi din il-Qorti żżid tgħid li dak li ġara fil-post fis-snin ta' wara l-ħruġ tal-Ordni jkompli jixħet dubji dwar l-element tal-interess pubbliku fiż-żamma fis-seħħ tagħha. Meta wieħed iqis li l-partit intimat kellu b'tiegħu post ieħor imiss sewwasew mal-post rekwiżizzjonat tar-rikorrenti, u meta wieħed jara kif il-post baqa' jintuża bħala estensjoni tal-każin wara li l-bini ġġarraf fl-isplużjoni, il-Qorti ssib li ma ngħatatilha l-ebda raġuni tajba biex iżżomm li l-interess pubbliku f'ċirkostanzi bħal dawn baqa' jipprevali b'mod li ma kellhiex tinħareġ ordni ta' rekwiżizzjoni żmien twil qabel ma r-rikorrenti talbuha;

Illi jmiss li l-Qorti tqis il-parti tal-ilment marbut man-**nuqqas ta' proporzjonalita`**. Fil-fehma tal-Qorti, bl-indħil mill-Istat, is-sidien tal-ġid (f'dan il-każ partikolari r-rikorrenti) intalbu jerfgħu piż żejjed u sproporzjonat fit-tgawdija tal-jedd tagħhom meta mqabbel mal-għanijiet li għalihom ittieħed il-fond. Il-piż finanzjarju għadu mitfuħ kollu fuq ir-rikorrenti sallum. Jirriżulta li l-kera ffissat fil-waqt tal-ħruġ tal-Ordni kien dak ta' mija u sebgħa u erbgħin liri Maltin (Lm147), li jġibu tliet mija u sitta u għoxrin ewro (€326) fi flus tallum. Dak kien il-kera stabbilit għal sena sħiħa. Meta mqabbla mal-istima tal-perit tekniku, ma jidhirx li kienet waħda sproporzjonata, iżda wara l-1992, il-valur lokatizju tal-fond beda tiela' tant li llum ilaħħaq l-ammont ta' elfejn u mitt ewro fis-sena (€2,100);

Illi għaldaqstant, meta wieħed iqabbel il-kera mħallas skond l-Ordni mal-kera li l-post jista' jinkera bih li kieku ma kienx soġġett għall-Ordni, wieħed isib li hemm sproporzjon qawwi bejn qagħda u oħra, u li dan l-isproporzjon qiegħed jinġarr mir-rikorrenti waħedhom;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jwasslu lill-Qorti għall-fehma li joħroġ ċar li r-rikorrenti ġarrbu u għadhom qed iġġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel

---

[70] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.207**) a fol. 264 u Kost. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Ghigo vs Awtorità tad-Djar et*** §§ 17 – 8

[71] Kost. **7.12.2010**, fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et***

Protokoll tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, l-**ewwel talba** tagħhom hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti qiegħda ssib li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom, jeħtieġ li tqis **ir-rimedji xierqa** għal tali ksur. Ir-rikorrenti jitolbu bosta rimedji (it-tieni sal-ħames talbiet attriċi) u jressqu talba oħra (is-sitt talba attriċi) biex iħallu f'idejn il-Qorti tagħti xi rimedji oħrajn li "jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tenut kont ta' żmien twil li ilhom l-esponenti miċħuda (*sic*) mit-tgawdija tal-proprjeta` tagħhom";

Illi l-ewwel rimedju li jitolbu huwa dak li l-Qorti ssib li l-Ordni hija nulla u bla effett. Għall-finijiet tat-**tieni talba** attriċi, irid jingħad li, miċ-ċirkostanzi li joħorġu mill-atti, l-Ordni ma tistax titqies li nħarġet b'mod abbużiv jew illegali. Kien biss minħabba ġrajjiet li seħħew wara l-ħruġ tagħha li ż-żamma fis-seħħ tal-Ordni wassal għall-ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti. Huwa minnu wkoll li din it-tieni talba hija konsegwenzjali għall-ewwel waħda. F'dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata li t-tħassir tal-Ordni jaqa' 'l barra mis-setgħat ta' din il-Qorti f'kawża bħal din. Lanqas ma jiswew f'dan ir-rigward is-sottomissjonijiet tal-istess Awtorita` jew tas-Segretarju intimat. Il-Qorti wkoll se jkollha tirrimedja għan-nuqqas min-naħa tal-Awtorita` intimata milli toħroġ l-ordni ta' derekwiżizzjoni, liema ordni kienet meħtieġa biex l-effetti tal-Ordni jintemmu. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument imressaq mill-Awtorita` li l-Ordni kienet intemmet ladarba l-bini milqut minnha kien iġġarraf fl-isplużjoni li ġrat fl-1992. Il-liġi nnifisha tgħid li ordni ta' rekwiżizzjoni tibqa' tgawdi l-effetti tagħha sħaħ u kontra kulħadd "sakemm il-bini jiġi derekwiżizzjonat". Dan jitlob għalhekk it-tħassir formali tal-Ordni maħruġa. L-imsemmi argument ma jiswiex ukoll minħabba l-fatt li, mill-provi mressqa, mhux il-post kollu ġġarraf (u fil-fatt xi ambjenti li kienu jinsabu fuq wara tal-fond baqgħu jintużaw) u għalhekk l-Awtorita` messha qieset din il-ħaġa u ikkunsidratha attivament meta r-rikorrenti talbuha toħroġ l-Ordni ta' derekwiżizzjoni f'xi żmien matul l-2016;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' it-tieni talba billi ssib li l-Ordni ma għadhiex tiswa aktar u li, b'seħħ millum, kulma sar bis-saħħa tagħha jitqies mingħajr effett;

Illi bit-**tielet talba** tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu li l-Awtorita` intimata tqegħedhom "fl-i*status quo ante* il-ħruġ tal-istess ordni ta' rekwiżizzjoni". Fid-dawl ta' dak li ssemma dwar it-tieni talba attriċi, il-Qorti jidhrilha li t-talba kif imressqa ma tistax tintlaqa'. It-tħassir tal-Ordni se jibda miexi minn data partikolari u mhux se jreġġa' lura l-arloġġ bħallikieku l-Ordni ma nħarġet qatt. Minbarra dan, hemm ċirkostanza oħra li l-Qorti ma tistax twarrab minn quddiemha u li jidher li r-rikorrenti għażlu li ma jikkunsidrawx

meta fasslu t-tielet talba. Din iċ-ċirkostanza hi li, sa dakinhar li nħarġet l-Ordni, il-post ma kienx f'idejn ir-rikorrenti jew l-awturi fit-titolu tagħhom. L-Awtorita` intimata ġabet prova li turi li, minnufih qabel ma nħarġet l-Ordni u sa minn żmien qabel, il-post kien jintuża bħala fergħa tal-posta u li ċ-ċwievet għaddew għand is-Segretarju tad-Djar sewwasew mingħand il-*Postmaster-General*. Ir-rikorrenti injoraw għal kollox din iċ-ċirkostanza u ma merewha qatt. Jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' it-tielet talba kif imressqa, u biex ma twettaqx in-nuqqas tal-ultrapetizzjoni, l-effett ikun li l-"post" irid jerġa' jintradd lil terzi (illum l-awtoritajiet postali, billi s-servizz postali m'għadux servizz mogħti minn Dipartiment tal-Gvern) u mhux lir-rikorrenti, għaliex dik kienet il-qagħda minnufih qabel ma nħarġet l-Ordni;

Illi, għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti sejra tiċħad it-tielet talba attriċi;

Illi fir-**raba' talba** tagħhom ir-rikorrenti jitolbu li jingħataw lura l-pussess u ż-żamma effettiva ta' ħwejjiġhom. Dan ifisser li dak li qed jitolbu r-rikorrenti huwa li s-Segretarju intimat jitlaq minn taħt idejh il-fond li dwaru nħarġet l-Ordni;

Illi l-Qorti tifhem li sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali jitlob l-għoti ta' rimedju effettiv, kemm fil-prattika u kif ukoll fil-liġi, b'mod li l-għoti waħdu ta' kumpens jista' ma jitqiesx bħala rimedju tajjeb biżżejjed. F'każijiet ta' dawn l-aħħar żmien, il-Qorti fi Strasbourg qieset li r-rimedju tat-tneħħija tal-okkupant minn post kien ir-rimedju effettiv li messu ngħata, u li għat-tbatija li ġġarrab il-parti mneħħija jrid jagħmel tajjeb l-Istat Malti[72];

Illi f'dak li jirrigwarda r-rimedju tat-tneħħija mill-post tal-persuna jew l-entita` li favur tagħha tkun inħarġet ordni ta' rekwiżizzjoni, il-Qorti jidhrilha li kollox jiddependi minn jekk tintlaqax it-talba biex l-Ordni jitqies mingħajr aktar siwi. Issa li sabet li r-rikorrenti fil-qagħda tallum qegħdin iġorru piż mhux proporzjonat fiċ-ċaħda tat-tgawdija ta' ħwejjiġhom meta mqabbel mal-benefiċċju li qiegħed igawdi l-partit intimat, huwa meħtieġ li tqis ukoll x'rimedju jrid jingħata biex din il-qagħda ma tibqax tittenna. Ir-rimedju mogħti jrid jara li l-qagħda ta' ksur tal-jedd tinġab fix-xejn biex ma toħloqx ksur ieħor;

Illi din il-Qorti tagħraf li l-kwestjoni tat-tneħħija mill-post tal-parti mħarrka f'każ li jirriżulta ksur tal-jeddijiet fundamentali tas-sid nisslet u għadha tnissel dibattitu mhux żgħir. F'każijiet li jirrigwardaw saħansitra l-ħruġ illegali ta' ordni ta' rekwiżizzjoni[73], il-Qorti Kostituzzjonali qalbet sentenzi fejn l-ewwel

---

[72] Ara Q.E.D.B. **30.8.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Apap Bologna vs Malta*** (Applik. Nru. 46931/12) §§ 76 sa 91 (każ li jirrigwarda Ordni ta' Rekwiżizzjoni); Q.E.D.B. **27.8.2019** fi-kawża fl-ismijiet ***Portanier vs Malta*** (Applik. Nru. 55747/16) §47

[73] Ara, b'eżempju, Kost. **13.4.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Elvia Scerri et vs Awtorita` tad-Djar et*** §§ 60 – 3

Qorti kienet ordnat it-tneħħija jew żgumbrament tal-kerrej. Dan ġara wkoll fejn, aktar u aktar, l-ordni ta' rekwiżizzjoni tqies li kienet tiswa fiż-żmien meta nħarġet[74];

Illi fid-dawl ta' din il-qagħda u wara li ħasbet fit-tul, il-Qorti tagħżel li timxi fuq l-iskorta tal-prinċipju mwettaq mill-Qorti Kostituzzjonali[75] f'ċirkostanza bħal din, u tqis li "*.. l-iżgumbrament tal-inkwilini mhuwiex possibbli f'proċedura ta' din ix-xorta fejn id-dmir tal-Qorti hu li tiddeċiedi jekk il-liġi tiksirx il-jedd fundamentali tar-rikorrent u tagħti rimedju. Il-persuna li għandha twieġeb għall-ksur tal-jedd fundamentali hu l-Istat. Għalhekk il-Qorti, irrispettivament hijiex il-Prim'Awla jew din il-Qorti, ma tordnax l-iżgumbrament ġialadarba dak huwa rimedju kontra l-privat*". Xieraq li jingħad li, f'każ li kien jolqot post rekwiżizzjonat, il-Qorti Kostituzzjonali tat ir-rakkomandazzjoni li l-qorti ta' kompetenza kostituzzjonali jmissha tastjeni meta ssirilha talba bħal din[76];

Illi, f'kull każ, il-fatt li din il-Qorti mhix ser tordna t-tneħħija tal-partit intimat mill-fond milqut bl-Ordni ma jfissirx li b'hekk qiegħda tapprova li jibqa' jżomm taħt idejh l-istess ġid. Għall-kuntrarju, minħabba li l-Qorti sejra tilqa' it-tieni talba attriċi, jiġi li l-effetti kollha li kienet tagħti l-Ordni sakemm baqgħet fis-seħħ issa se jintemmu u għalhekk il-partit intimat ma jistax jibqa' jinqeda aktar bil-ħarsien li dik l-Ordni kienet tagħtih u jrid iġarrab il-konsegwenzi tat-tħassir ta' dik l-Ordni b'dak kollu li ġġib magħha;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tqis ir-raba' talba attriċi biex ma tippreġudikax il-pożizzjoni tal-ebda waħda mill-partijiet, imma tiddikjara li s-Segretarju intimat ma jistax jistrieħ aktar fuq il-ħarsien li l-Ordni kienet tagħtih sakemm tħassret;

Illi l-**ħames talba** attriċi, tirrigwarda r-rimedju tal-kumpens xieraq u l-likwidazzjoni ta' danni materjali u dawk mhux pekunjarji, liema talba hija l-effett naturali tas-sejbien tal-ksur tal-jedd invokat. Huwa miżmum li, ladarba qorti ssib li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu kif imħares bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ma huwiex biżżejjed li tieqaf b'sempliċi dikjarazzjoni bħal dik. Għalkemm ir-rimedju xieraq mhuwiex lanqas u tabilfors il-kundanna ta' ħlas ta' kumpens bħallikieku l-ħaġa li dwarha seħħ il-ksur kienet inbiegħet, xi għamla ta' kumpens huwa mistħoqq u doveruż. Hawn ukoll, il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li l-ksur imġarrab mir-rikorrenti jikkonsisti f'indħil dwar u mhux f'teħid tal-ġid tagħhom;

---

[74] Kost **5.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mattei et vs L-Awtorita` tad-Djar et*** §§ 19 – 23; Kost. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Ghigo vs Awtorità tad-Djar et*** §§ 44 – 7; u Kost. **12.7.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Apap Bologna vs Calcedonio Ċiantar et*** §§ 38 – 40
[75] Kost**. 6.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Patricia Curmi vs. Miriam Pace*** et. § 56
[76] Kost. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Ghigo vs Awtorità tad-Djar et*** § 46

Illi huwa llum stabilit li r-rimedju li tista' tagħti din il-Qorti huwa kumpens għall-ksur tad-dritt fundamentali u mhux danni ċivili għal opportunita` mitlufa[77]. Biex tasal għal dan, il-Qorti jeħtiġilha tqis għadd ta' fatturi, fosthom it-telf effettiv li jkun ġarrab is-sid, l-għan soċjali maħsub mil-liġi, il-grad ta' sproporzjon fit-tqabbil bejn id-dħul attwali li qiegħed jirċievi r-rikorrent mad-dħul li jista' jinkiseb fis-suq ħieles, id-danni materjali li l-parti rikorrenti tista' tipprova li ġarrbet u wkoll l-effetti tal-ordni li l-Qorti tista' tagħti dwar jekk l-okkupant jistax jibqa' jistrieħ aktar fuq it-tħaddim tal-liġi attakkata. Minn kif wieħed jista' jara, dawn il-kriterji huma firxa sħiħa li trid titqies f'kull każ għalih u jiddependu ħafna miċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ[78];

Illi dwar il-kumpens dovut lir-rikorrent tqum konsiderazzjoni oħra. Għalkemm ir-rikorrent ħarrket ukoll lill-intimat Segretarju, iżda dan ma jfissirx li huwa l-istess Segretarju intimat li jrid iħallas lir-rikorrenti l-kumpens li sejjer jingħata jew li jagħmel tajjeb għall-għażla li kienet tagħtih il-liġi. Kumpens bħal dak għandu jbatih biss l-Istat minħabba li l-ksur li qegħdin iġarrbu r-rikorrenti huwa l-effett dirett tal-aġir tal-Awtorita`. Din hija wkoll waħda mill-eċċezzjonijiet imressqa mis-Segretarju intimat. Fil-fehma tal-Qorti, il-partit intimat inqeda b'liġi u bl-ambjent politiku ta' dak iż-żmien u kiseb jedd fuq ġid ta' ħaddieħor, iżda ma għamel xejn biex jikseb dan il-jedd b'mod illegali. Fid-dawl tal-massima *qui suo jure utitur neminem laedere videtur*, il-Qorti ma tistax issib li l-partit intimat imissu jagħmel tajjeb ukoll għall-ħlas tal-kumpens lir-rikorrenti minħabba s-sejbien ta' ksur tal-jedd fundamentali tagħhom. Din il-fehma tinbena wkoll fuq il-fatt li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda aġir ta' l-Istat bbażat fuq liġi li għamilha hu u mhux iċ-ċittadin li, min-naħa tiegħu, għandu jedd jinqeda biha fil-parametri tagħha u safejn din ma titqiesx li qiegħda tikser il-jedd fundamentali tas-sid;

Illi kif inhu miżmum u mgħallem *"fil-każ ta' liġi leżiva tad-drittijiet konvenzjonali jew kostituzzjonali, huwa l-Istat u mhux iċ-ċittadin li għandu jirrispondi. Għax huwa prinċipalment l-obbligu tal-Istat, u mhux tal-inkwilin, li jassigura li d-drittijiet fundamentali tas-sid ma jinkisrux*"[79];

Illi f'dan il-każ, il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha n-numru ta' snin li r-rikorrenti ilhom iġarrbu ksur tal-jedd tagħhom dwar in-nuqqas ta' tgawdija ta' ħwejjiġhom, u li l-ammont ta' kumpens mistħoqq jirrappreżenta kemm rimedju għall-fatt li l-kumpens li setgħu jistennew li jitħallsu kien baxx ħafna fiċ-ċirkostanzi (l-aktar matul is-snin wara li l-bini ġġarraf) u kif ukoll il-fatt li l-Awtorita` intimata naqset li toħroġ l-ordni ta' de-rekwiżizzjoni. Qiegħda żżomm quddiem għajnejha wkoll in-nefqa li r-rikorrenti jridu jidħlu għaliha biex

[77] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Cassar et vs Onor. Prim Ministru et***
[78] Kost. **18.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żammit et vs L-Onor. Prim Ministru et*** §§ 48, 52 – 3, 57
[79] Kost. **24.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Louis Apap Bologna vs Kalċidon Ċiantar et***; u Kost. **6.2.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Sean Bradshaw et vs L-Avukat Ġenerali et***

jieħdu lura l-ġid tagħhom[80]. Meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-provi mressqa u jħaddem dwarhom ir-regoli li dawn il-qrati minn żmien għal żmien inqdew bihom f'każijiet li jixxiebhu[81], il-Qorti ssib li jkun xieraq li jitħallas kumpens lir-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000). Il-kumpens qiegħed jitqies bis-saħħa ta' ordni tal-qorti mogħti taħt l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea[82] u jiġbor fih kemm kumpens materjali u kif ukoll kumpens mhux pekunjarju mnissel mis-sejbien tal-ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti;

Illi għaldaqstant il-ħames talba attriċi qiegħda tintlaqa' fir-rigward tal-Awtorita` intimata, u tikkundannaha tħallas l-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) lir-rikorrenti, flimkien mal-imgħax legali fuq dik is-somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

Illi dwar is-**sitt talba attriċi** l-Qorti tqis li r-rimedju mogħti taħt il-ħames talba huwa biżżejjed biex jagħmel tajjeb għal-ksur ta' jedd imġarrab mir-rikorrenti. L-istess rikorrenti ma ressqu 'l quddiem l-ebda prova jew sottomissjoni oħra biex juru x'għamla ta' rimedju ieħor jippretendu li jingħatalhom. Għalhekk, il-Qorti sejra tastjeni milli tqis aktar din it-talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-Ordni ta' rekwiżizzjoni maħruġa mill-Awtorita` intimata fit-23 ta' Novembru, 1973, u r-rifjut min-naħa tal-istess Awtorita` li toħroġ ordni ta' derekwiżizzjoni, flimkien mal-kumpens baxx li r-rikorrenti ngħataw għal-użu li qed isir minn ġidhom, qiegħda ġġib ksur tal-jedd fundamentali tagħhom kif imħares fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan għaliex naqas l-element tal-interess pubbliku fiż-żamma fis-seħħ tal-istess Ordni u wkoll għaliex ma nżammitx il-proporzjonalita` bejn l-interessi tal-komunita` u dawk tar-rikorrenti bħala sidien tal-post;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u ssib l-Ordni ta' rekwiżizzjoni tat-23 ta' Novembru, 1973, mertu ta' din il-kawża hija nulla u bla effett;

**Tiċħad it-tielet talba attriċi** kif magħmula;

**Tastjeni milli tilqa' ir-raba' talba attriċi**, b'dan li t-tieni intimat Segretarju tal-Partit Laburista ma jistax jibqa' jistrieħ aktar fuq il-ħarsien li kienet

[80] Kost. **18.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Walter Delia et vs Chairman Awtorita` tad-Djar*** §§ 49, 51 – 2
[81] Kost. **6.10.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Patricia Curmi vs. Miriam Pace et.***
[82] Kost **7.12.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali et.***

tagħtih l-Ordni ta’ rekwiżizzjoni mertu ta’ din il-kawża sa ma kienet għadha fis-seħħ;

**Tilqa’ il-ħames talba attriċi**, u qiegħda tillikwida b’kumpens għad-danni pekunjarji mġarrba mir-rikorrenti u b’kumpens mhux pekunjarju minħabba l-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom lilhom mistħoqq l-ammont ta’ ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) u tordna lill-Awtorita` intimata tħallashom l-ammont hekk likwidat, flimkien mal-imgħax legali fuq dak l-ammont b’seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tastjeni milli tqis is-sitt talba attriċi** billi ma ntwera li hemm lok li jingħata l-ebda rimedju ieħor;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-Awtorita` intimata bħala mhux mistħoqqa;

**Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Segretarju tal-Partit Laburista safejn tħarrek personalment u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, iżda tiċħad il-bqija tal-imsemmija eċċezzjoni safejn tirrigwarda lill-Partit intimat u **tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet** tiegħu għaliex mhux mistħoqqa; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-Awtorita` intimata.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**13 ta’ Mejju, 2021**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**13 ta’ Mejju, 2021**